



II-Qorti Ĝeneralni tal-Unjoni Ewropea
STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 116/10
il-Lussemburgo, 26 ta' Novembru 2010

Stampa u Informazzjoni

Udienza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Ħatra ta' Mħallef Ġdid fil-Qorti Ĝeneralni tal-Unjoni Ewropea

Udienza solenni tas-26 ta' Novembru 2010

Permezz ta' deċiżjoni tat-18 ta' Novembru 2010, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri nnominaw lil Andrei Popescu bħala Mħallef fil-Qorti Ĝeneralni tal-Unjoni Ewropea, sabiex jissostitwixxi lil Valeriu M. Ciucă, għall-perijodu mis-26 ta' Novembru 2010 sal-31 ta' Awwissu 2016.

Illum inżammet udienza solenni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-okkażżjoni ta' tmiem il-ħidma u t-tluq ta' Valeriu M. Ciucă, kif ukoll tal-ġurament u tal-ħatra ta' Andrei Popescu.

Andrei Popescu

Imwied fl-1948; iggradwat fil-liġi mill-università ta' Bukarest (1971); studji post-universitarji fid-dritt internazzjonali tax-xogħol u fid-dritt soċjali Ewropew, università ta' Genève (1973-1974); dottorat fid-dritt mill-università ta' Bukarest (1980); assistent għalliem stagiaire (1971-1973), assistent għalliem permanenti (1974-1985), imbagħad għalliem responsabbi għall-kors dwar id-dritt tax-xogħol fl-università ta' Bukarest (1985-1990); riċerkatur prinċipali fl-Istitut ta' riċerka xjentifika fil-qasam tax-xogħol u tal-protezzjoni soċjali (1990-1991); assistent direttur ġenerali (1991-1992), imbagħad direttur (1992-1996) fil-Ministeru tax-Xogħol u tal-Protezzjoni Soċjali; għalliem ewljeni (1997), imbagħad għalliem professur fl-Iskola nazzjonali ta' studji politiċi u amministrattivi, Bukarest (2000); Segretarju tal-Istat fil-Ministeru tal-Integrazzjoni Ewropea (2001-2005); Kap ta' dipartiment fil-Kunsill leġiżlattiv tar-Rumanija (1996-2001 u 2005-2009); direttur fundatur tar-Rivista Rumena tad-dritt Ewropew; President tal-Ġhaqda Rumena tad-dritt Ewropew (2009-2010); aġent tal-Gvern Rumen quddiem il-Qrati tal-Unjoni Ewropea (2009-2010); Imħallef fil-Qorti Ĝeneralni sa mis-26 ta' Novembru 2010.)

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell (+352) 4303 3355

Ritratti tal-udienza solenni jkunu disponibbli fuq "Europe by Satellite" (+32) 2 2964106

www.curia.europa.eu